# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **15** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Is-Sur David Massa |

### Aġenda

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 14.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Budget ghas-sena finanzjarja 2014.
6. Aġġudikazzjoni tat-Tenders u Kwotazzjonijiet
   KLM 2013/08 – Cleaning and Maintenance of Public Convenience in Marsaskala.
   MLC 05/2013 – Leasing of Premises as a Training Centre to be used by Marsaskala Local Council.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 14(1) tad-19 ta' Diċembru 2013:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi paġna 6 paragrafu 2 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-istreteġija tgħid illi hemm bżonn li nedukaw aktar lir-residenti li l-iskart li ser jinħareġ huwa problema u jrid jitnaqqas u jrid ikun hemm element ta responsabilita' dwar l-iskart li ser jintrema. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar żied jgħid illi fl-opinjoni tiegħu r-riżorsi u l-finanzjament huma l-qofol biex din l-istrateġija isseħħ".*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi paġna 7 artiklu 3.9 paragrafu 10 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu mhuwiex komdu illi jkun parti min din id-deċiżjoni meta l-Kunsill ser ikun marbut għal ħafna snin u dan qabel issir id-diskussjoni."

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 6 paragrafu 5 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li tajjeb illi fir-rapport niktbu li fis-snin preċedenti l-Kunsill kien diġa ikkumenta li l-iskart fl-impjant m'għandux jiżdied u saħansitra kien ippjanat sabiex jinfetħu żewġ impjanti oħra. Hu qal illi jekk jiżdied l-iskart riċiklatt mhux ser tkun problema pero dak imħallat m'għandux jiżdied."*

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi paġna 7 artiklu 3.9 paragrafu 9 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ilna 15-il sena niddiskutu kif ser isir dan il-bini amministrattiv."*

1.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 10 artiklu 8.1 paragrafu 2 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb jinħatar bord sabiex jagħżel lil min jagħti rikonoxximent kif ukoll għieħ Marsaskala fil-futur."*

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6.15p.m***

- ***L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur David Massa daħal għal-laqgħa fis-6.15p.m***

***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 14(1) tad-19 ta' Diċembru 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward artiklu #1.2.2 ta' paġna 2, it-tmien paragrafu jekk il-Kunsill kienx bagħat ittra lil tal-ħwienet rigward id-dawl tal-Milied lilu u ġie mwieġeb li din kienet intbagħtet permezz ta' emajl.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra kienet tqassmet lis-sidien tal-ħwienet bl-idejn.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward artiklu #2.1.5 ta' paġna 3 jekk għandiex data tal-laqgħa li għanda issir mal-MEPA rigward il-plots il-vojta.

Is-Sindku wieġbu illi kien hemm nuqqas ta ftehim peress meta kienu tawna d-data tal-laqgħa għaliex huwa ħasbu illi l-laqgħa kellha issir il-MEPA u meta talbuna biex imorru aħna l-MEPA kien tard wisq u għaldaqstant għandna nirċievu data oħra sabiex issir il-laqgħa.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa rigward paġna 10 artiklu #8.2 fejn staqsa meta ser jsir il-crash barrier ta' quddiem l-istage tal-Inspire.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-*crash barrier* sar ftit iktar il-fuq u min-naħa tat-TM ħarġu *works order* sabiex isiru *U shaped barriers* quddiem l-istage.

Il-Kunsill is-Sur Daniel Spiteri qal li fl-opinjoni tiegħu l-*crash barrier* għandu jsir eżatt quddiem l-istage għaliex meta kien hemm inċident karozza spiċċat ingastata fil-*bus shelter* u jekk ma jsirx *crash barrier* jista jkun hemm inċident fatali.

Is-Sindku wieġbu illi l-*crash barrier* ma tistax issir eżatt quddiem il-*bus shelter* minħabba li trid tħalli aċċess ta' 1.5 metri.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi fl-opinjon tiegħu jekk il-*crash barrier* ma jistax jsir quddiem il-*bus shelter* allura l-aħjar li jitressaq il-*bus shelter* minħabba li dan jinsab eżatt faċċata ta' niżla.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lit-TM.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi hu kien qed jikkomunika mas-Sur Ivan Pierre Vella mit-TM fuq il-problemi li kellna rigward il-*bus shelters*. Huwa żied jgħid illi sa fejn hija l-kompetenza tiegħu sab ħafna għajnuna mingħand is-Sur Vella. Is-Sindku kompla jispjega illi l-ħofra li kien hemm quddiem il-*bus shelter* ta' ħdejn ic-Cerviola Hotel fi Triq il-Qaliet ġiet magħluqa u anke talbu sabiex jsir bank temporanju sakemm jitwaħħal bus shelter ġdid u dan minħabba li għandhom problema mal-*Faces* għaliex qed idumu ħafna biex jwettqu ix-xogħol. Huwa żied jgħid illi biex l-*Faces* bidlu l-ħġieġa tal-*bus shelter* ta' ħdejn l-*Inspire* damu iktar minn 6 xhur u dan mhux aċċettabli. Rigward il-*bus shelter* ta' Pjazza Dun Tarcis Aguis qal li s-Sur Vella kien ġab *gazebo* temporanju iżda meta pruvaw ippoġġuħ ma kienx hemm biżżejjed spazju w għaldaqstant ser iżarmaw l-istruttura eżistenti kollha biex ikunu jistu jpoġġu dan il-*gazebo*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa x'ser jitwaħħal minflok il-*bus shelter* li kien hemm fi Pjazza Dun Tarcis.

Is-Sindku wieġbu illi ser jitwaħħlu żewġ *bus shelters* tal-ħġieġ.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li jkun aħjar jekk il-ħġiega tal-*bus shelter* tiġi fuq in-naħa ta' quddiem sabiex isservi bħala lqugħ.

Is-Sindku wieġbu illi dawk huma tip ta' *bus shelters* antiki iżda nistgħu ngħamlu *U shaped barriers* ħalli n-nies li jkun qedgħin jistennew ma jixxarbux mill-karrozzi li jkunu għaddejjien.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrefera għal-punt #2.1.4 ta' paġna 3 fejn qal illi għalkemm saru l-*un/loading signs,* il-vettura li kient qed tkun ipparkjata hemm għada pparkjata hemm u l-vannijiet xorta qed ikollhom jitfu fin-nofs tat-triq.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal-laqgħa fis-6.30p.m***

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk tlabniex biex issir laqgħa rigward it-trasport issa li peress li s-servizz tal-Arriva spiċċa ħalli ntejbu dan is-servizz.

Is-Sindku wieġbu li bħal issa ninsabu ġo fażi tranżitorja.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li issa huwa żmien li għandna inressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħna. Huwa qal illi r-rotta 124 illi tneħħiet mingħajr ma konna nafu u għandna terġa tibda bla dewmien.

Is-Sindku qal li fuq l-aħbarijiet ħabbru illi bħala rotta ser terġa tkun bħal antika illi l-karozzi tal-linja jitilqu kollha mill-Belt. Huwa żied jgħid li bħala Kunsill konna morna laqgħa fejn konna wassalna l-ilmenti tagħna kollha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-Ministru qal li fit-*tender* li ser tinħareġ ser jkun hemm ir-rottot li kienu ġew diskussi mal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li dawn il-proposti qatt ma ġew preżentati waqt xi laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-problemi fir-rotot kienu ilhom jiġu diskussi mill-amministrazzjoni preċedenti u l-ikbar problema li kellna fil-preżent kienet rotta 124 kif ukoll il-problema ta' Żonqor fejn il-karozzi tal-linja ikollhom jistennew nofs siegħa bil-passiġġieri u din mhux aċċettabbli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lis-Sur Ivan Vella lit-TM kif ukoll lil is-Sur Kevin Zhara tat-TM.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Talba għal-kumpens mingħand s-Sur Francis Grech rigward ħsara kkaġunata fi Triq tal-Gardiel (35/0016/14/I):</u>**

Is-Sindku beda jgħid illi wara l-maltemp ġeneralment jkollna dawn it-tip tal-klemjs u s-Sur Francis Grech qed jitlob rimbors ta' €178.40 għal ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiġi rimborsat 70% tal-ħsarat li ġarrab kif inhi l-*policy* tal-Kunsill.

3.2 **<u>Stimi għal software fuq payroll tal-pagi:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi peress illi f'laqgħa preċedenti kien preżenta stima u l-Kunsilliera kienu talbu sabiex nġibu stima oħra ħalli nkunu nistgħu nikkomperaw il-prezzijiet, huwa ġab stima mingħand it-*Technosoft*. Huwa żied jgħid illi d-differenza hija madwar €100 inqas fis-sena favur it-*Technosoft* rigward maintenance agreement iżda li ż-żewġ kumpanniji kienu kompetenti ħafna f'dan is-software.

Il-Kunsill qabel unanimament illi peress din ser tkun sistema li ser tuża l-*Accountant* u ser tkun preżenti f'din is-seduta għandna nistaqsu.

3.3 **Memo 34/2013 Rigward dwal tat-Toroq:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi l-kumitat kongunt kif ħareġ tender wieħed f'isem diversi Kunsill fuq id-dawl tat-toroq u dan skond il-liġi huwa possibbli li jerġa jinħareġ kemm bħala reġjun jew inkella bħala kumitat konġunt.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li peress li t-tender ilhu li skada ħafna u ċertu Kunsilli diġa ħarġu *tender* ghalijom filwaqt li oħrajt baqgħu jużaw l-istess kuntratt li kien hemm.

Is-Sindku qal li l-aħjar li nibgħatu ittra lill-President tar-Reġjun Xlokk is-Sur Pawlu Farrugia u li jekk ir-reġjun ma jkunx interessat għandna nikkutatjaw lis-Sindku taż-Żejtun ħalli nevalwaw il-possibilta` li s-sejħa għall-offerti tinħareġ bħala kumitat konġunt.

3.4 **Risposta dwar l-operat tal-Wasteserv:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-emejl rigward l-abbozz tal-pjan għall-immaniġġjar ta' l-iskart 2013-2020 ntbgħatet lis-Sur Jonathan Scerri ic-CEO tal-Wasteserv, kif ukoll lill-Onor. Ministru Leo Brincat.

Is-Sindku kompla billi qara r-risposta tal-Onor Minisistru Leo Brincat.

Is-Sindku beda biex jgħid illi fl-opinjoni tiegħu illi l-Onor Ministru kien qed jgħid illi d-deċiżjoni hija min-naħa tal-Ministeru u mhux min-naħa tal-Wasteserv u jekk wieħed jifli l-stqarrijiet pubbliċi m'hemm xejn iktar x'tiċċara. Is-Sindku kompla jgħid illi l-Onor Ministru qal ukoll illi r-rapport finali ser jħares lejn l-interess nazzjonali.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri li aħna bħala Kunsill jinterresana mill-l-interess lokali iktar mill-interess nazzjonali.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li meta attenda għal-laqgħa waqt il-*presentation* kien issemma illi l-kapaċita tal-impjant trid titla minn 40% sa 70%.

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri qal li l-permess tal-MEPA huwa bbażat fuq ammont ta' tunnellaġ kemm fuq skart separat u anke skart imħallat. Huwa żied jgħid il-permess kien għal 76,000 tunnellaġ li jinqasam f'35,000 tunnellaġ fi skart separat u 31,000 tunnellaġ fi skart organiku.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li huwa kien attenda qalu illi jekk l-iskart jidħol kif suppost allura l-iskart mhux ser jiżdied fl-impjant. Huwa żied jgħid illi forsi jekk nqabdu persuna teknina tkun tista tispjegalna aħjar din l-istrateġija.

Is-Sindku qal li l-mistoqsijiet ser noħduhom waqt il-bord tal-moniteraġġ.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil MEPA u nistaqsuhom jekk hemmx xi applikazzjoni ġdida fuq l-Impjant ta' Sant'Antnin sabiex jagħtuna d-dettalji tal-permess attwali li hemm fuq l-Impjant ta'Sant'Antnin speċjalment fuq it-tunnellaġġ.

3.5 **Xiri ta' projector:**

Is-Sindku qal li għandna bżonn nixtru *overhead projector* u *screen* għall-użu tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li nixtru *overhead projector* u *screen.*

3.6 **Approvazzjoni tal-performance bonus tal-impjegti tal-Kunsill u tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku beda biex qal illi ix-xogħol li kien qed iwettaq is-Segretarju Eżekuttiv ġewwa l-Kunsill kien fenominali u dan grazzi għall-għajnuna tal-iskrivani tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu ta' 10% tal-*performance bonus* filwaqt illi l-impjegati s-Sinjura Claudine Fenech, is-Sinjorina Chantel Zammit, is-Sinjura Sharon Schembri, s-Sinjura Claire Attard u s-Sinjura Lucille Bonnici jingħataw il-massimu ta' 6% tal-*performance bonus* rispettivament.

3.7 **Data għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa ġenerali annwali tal-Kunsill għas-sena Jannar sa Diċembru 2013 ser issir nhar il-Ġimgha 14 ta' Marzu 2014 fis-Sala tal-Kappillan fis-6.00p.m

Is-Sindku ssuġġerixxa illi din is-sena minflok kull Kunsillier jgħamel *write up* issir waħda ġenerali u dan minħabba l-ġeneru tax-xogħol u studji tal-Kunsilliera.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir *write up* ġenerali.

3.8 **Ħatra ta' rappreżentant mil-Kunsill biex jirrapreżenta lill-Kunsill fin-National Tourism Zones Committee:**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar li huwa responsabbli minn dan is-settur kienu attendew din il-laqgħa.

Is-Sindku nnomina lill-Kunsillier is-Sur Sur Charlot Cassar sabiex ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill tagħna u l-Kunsill għandu jinforma lill-persuna responsabbli dwar dan.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9 **Slielen tal-Baħar:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa ta' l-opinjoni illi l-islielen tal-baħar jinbidlu u jsiru tal-*istainless steel.*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li hemm passaġġ ħdejn il-pixxina illi jagħti għal-baħar minn fejn jinżlu l-għaddasa li jrid jitranġa simili bħalma hemm f'lokalitajiet oħra u li hemm bżonn ukoll li jitwaħħal sellun simili bħalna hemm lejn il-*pitch.*

Il-Kunsill qabel unanimament li nkellmu lis-Sur Emanuel Bezzina.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

5.0 ***Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2014:***

Qabel ma bdew l-ispjegazzjoni tal-*budget* is-Sindku staqsa lill-*Accountant* tal-Kunsill rigward punt #3.2, fejn staqsija jekk hi taħdimx kemm bis-*software* tad-*Dakar* u bis-*software* tat-*Technosoft* u jekk hemmx xi differenza.

L-*Accountant* qalet illi hija taħdem kemm bid-*dakar* u kemm bit-*technosoft* u bazikament ma hemmx differenza bejniethom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinxtara s-*software* tat-*Technosoft* peress li huwa l-irħas.

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi f'dan il-*budget* hemm ikkonsiderat il-proġetti u anke ix-xogħol tal-mozzjonijiet approvati f'seduti preċedenti.

L-*Accountant* spjegat il-*bugdet* għas-sena finanzjarja 2014.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-flus li konna infaqna sabiex ngħamlu Triq il-Qaliet jekk bdejniex inrodduhom lura. Huwa qal li ma jridx li ma jkollniex flus sabiex nibnu il-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sindku wiegbu illi ma stajniex ma ngħamlux Triq il-Qaliet għaliex ir-residenti kienu qedin iġarbu ħafna ħsara fil-vetturi. Huwa żied jgħid illi sakemm tispiċċa din il-leġislatura il-Kunsill il-ġdid żgur mhux ħa jkun lest kollhu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi aħna suppost kellna nikru għal tlett snin biss u ilna iktar minn seba snin.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb ili minkejja fit-2013 kienet saret parti sostanzjali minn Triq il-Qaliet kif approvat mil-Kunsill skond il-figuri attwali hemm ċans li l-Kunsill ma nefaqx iktar milli daħħal għas-sena 2013 u dan ifisser li l-Kunsill ma kienx hareġ xi flus minn ġewwa.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fit-8.15p.m***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi fil-*budget* m'hemmx allokat għad-dawl ornamentali tal-Milied.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiżdied l-allokazzjoni tad-dawl tat-toroq b' €5000 għal €30,000.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-*budget* kif emendata u l-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree` Attard issekondat. Il-Kunsill qabel unanimament dwar l-approvazzjoni tal-*budget* kif emendat.

3.10 **<u>Librerija tal-Lokal:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi peress li l-librara qed tistenna tarbija, l-librerija tal-lokal ser tkun magħluqa għax-xhur ta' Frar u Marzu. Huwa kompla jgħid illi l-librara qed tagħti iżjed kotba biex tkopri n-nuqqas tagħha kif ukoll ser jitwaħħlu avviżi biex ir-residenti u l-istudenti jkunu notifikati.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.11 **<u>Risposta li trid tingħata lil ġurnal it-Torċa:</u>**

Is-Sindku beda biex jgħid illi din il-materija diġa kienet ġiet diskussa wara diversi seduti tal-Kunsill u l-Kunsill kien ħa deċiżjoni wara li kien ħa parir legali illi ma kienx hemm lok ta'appell. Il-Wasteserv issa ila topera u allura ċ-ċansijiet li din tieqaf huma remoti ħafna. Mhux talli hekk talli issa l-Kunsill se jiffaċċja l-possibilta li l-attivita` fl-impjant tiżdied.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux ser jiġi diskuss ir-rapport tal-Awditur li kien għadu kif sa pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien bagħat kopja tar-rapport lil kull Kunsillier.

Is-Sindku qal li l-Kunsil kien ħa d-deċiżjoni tiegħu wara li kienet inqatgħet s-sentenza mil-qorti u l-Kunsill seta daħal f'ħafna iktar spejjeż kieku fetaħ l-appell.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan huwa każ magħluq kif ukoll li l-Kunsill kien ħa d-deċiżjoni tiegħu qabel ma kien sar pubbliku r-rapport tal-Awditur Ġenerali.

3.12 **<u>Talba għall-kumpens dwar ħsarat fuq il-vettura tas-Sur Henry Despott fi Triq Sant'Anna (35/0056/14/I):</u>**

Is-Sindku beda jgħid illi s-Sur Henry Despott qed jitlob rimbors ta' €124.00 għal ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiġi rimborsat 70% tal-ħsarat li ġarrab kif inhi il-*policy* tal-Kunsill.

3.13 **<u>Spralli fi Pjazza Dun Tarcis Aguis u Triq Sant'Anna:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex nirranġaw madwar l-isprall ta' Pjazza Dun Tarcis Aguis ta' ħdejn il-*bridge* għaliex sfrundat l-isfel.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-madwar tal-*manhole* ta' Triq Sant'Anna jrid jiġi rranġat ukoll.

Is-Sindku qallu illi l-*manhole* ta' Triq Sant'Anna tinsab fin-nofs tat-triq u biex tiġi irranġata Triq ix-Xatt trid issir *two way*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi jekk jitneħħa il-parkeġġ fi Triq Sant'Anna u tiġi rranġata l-ewwel nofs imbgħad in-nofs l-ieħor ma għandux jkun hemm problemi.

3.14 **<u>Talba mil-MEPA biex il-Kunsill Lokali iħallas l-ispejjeż rigward rikors numru 336/2007 (35/0424/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta l-Kunsill tilef il-kawża jkunu jridu jitħallsu l-ispejjeż kemm tal-Awidtur Ġenreali u kemm tal-MEPA. Huwa żied jgħid illi l-ewwel spiża li konna ħallasna kienet tal-Awditur Ġenerali u issa għandna l-ispejjeż tal-MEPA.

Is-Sindku qal sabiex nibgħatu lill-Kunsilli Lokali li kienu jiffurmaw parti minn dan il-front sabiex jinqasmu l-ispejjeż.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk dan huwiex il-kont finali jew ser nirċievu iktar kontijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal rigward dan il-każ partikolari cioe` każ 336/2007 dawn kienu l-ispejjeż finali relatati ma dan il-każ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li hu ma jaqbilx illi l-ewwel inħallsu mbgħad nitolbu sabiex jinqasmu l-ispejjeż.

Is-Sindku ppropona illi dan il-pagament jgħaddi għal ħlas filwaqt li nitolbu lill-Kunsilli Lokali li kienu jagħmlu parti mil-Kumitat kontra l-impjant sabiex iħallsu l-parti tagħhom, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Din id-deċiżjoni għaddiet għal-votazzjoni:

Favur: Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiter, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard.

Kontra : Nil

Astenzjoni: Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

Il-Votazzjoni ittieħdet u ġiet Favur (6) Sitta, Kontra(0) xejn u Astenzjoni 3 (tlieta) u għaldaqstant dan il-kont għandu jtħallas.

3.15 **Ħatra tal-Bord għal-Part Timer tal-Kunsill:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-bord ikun kompost mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.16 **Laqgħa rigward il-bini amministrattiv tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit kellmu u qallu li qabel ma jkun jista jagħmel stima tal-ispejjeż tal-bini tal-Kunsill għandu bżonn jkun jaf x'emendi ser jsiru fil-pjanta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir laqgħa tal-Kunsill nhar it-Tlieta 11 ta' Frar 2014 fil-5.30p.m u nitolbu illi l-Perit Aaron Abela u l-Inġinier responsabbli jkunu preżenti.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta diversi kontijiet tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali li kien għadu kif irċieva u allura ma kienux imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti u peress li dan l-*invoices* huma datati Novembru u Diċembru 2013 u jkollna bżonn ngħalqu is-sena.

Il-Kunsill qabel li nħalssu dawn il-pagamenti li se jiġu jidhru imbagħad fl-iskeda tal-pagamenti ta' wara.

**Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

6.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tenders u Kwotazzjonijiet:***

6.1 **KLM 2013/08 – Cleaning and Maintenance of Public Convenience in Marsaskala:**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Mr. Matthew Joseph Attard | €17,000.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan kien l-uniku offerent u l-*bid bond* li kien issottometta ma kellux l-ammont skond kif kien stipulat. Huwa żied jgħid li konna tlabna l-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u d-Dipartiment qalilna illi nistgħu nitolbuh sabiex iġibilna l-*bid bond* korretta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbuh sabiex iġib bid bond koretta u wara niltaqgħu mal-kuntrattur qabel ma jsir l-iffirmar tal-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li issa huwa ż-żmien sabiex nibdew il-manutenzjoni fuq il-latrini issa li ħa jkun hemm kuntrattur ġdid.

6.2 **<u>MLC 05/2013 – Leasing of Premises as a Training Centre to be used by Marsaskala Local Council:</u>**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Mr. Jonny Buhagair | €2,600.00 for 1 year |

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri iddikjara konflit ta' interess u talab biex ma jkunx parteċipi f'din id-deċiżjoni.

Is-Sindku qal illi huwa ra din il-propjeta u fil-fehma tiegħu huwa post tajjeb sabiex isir bħala training centre.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-unika problema hija illi għal sena oħra jkollna noħorġu sejħa għall-offerti oħra peress illi l-amont għal sentejn jaqbeż l-ammont massimu tal-kwotazzjoni.

Is-Sindku staqsa jekk nistgħux ninnegozjaw miegħu forsi jinżel mill-valur.

Is-Segretarju Eżekuttiv wiegbu illi din hija kwotazzjoni u allura wieħed jista jinnegozja il-valur speċjalment meta l-Kunsill irċieva offerta waħda.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitkellmu mas-sid ta' din il-propjeta` sabiex nistaqsuh jekk jistax jinżel fil-valur.

7.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

8.1 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#057 –20/1/14):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza fejn m'hemm fi Triq in-Nadur".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

8.2 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#058 –20/1/14):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida ġewwa San Tumas (wara l-iskips)".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

8.3 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#059 – 20/1/14):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida fi sqaq ġewwa San Tumas"*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.***

Il-Kunsillier s-Sinjura Elisabeth Cassar nfurmat lill-Kunsilliera illi l-attivita` taċ-Ċiniżi kient suċċess u kien hemm madwar 170persuna. Hija ħabret l-attivitajiet illi ser jkollna dwar l-attivitajiet.

Il-Ħadd 26 ta' Jannar 2014 – Ċerimonja fi Ġnien Charles Clews
It-Tlieta 18 ta' Frar 2014 – Tombla breakfast
Is-Sibt 22 ta' Marzu 2014 – Pasta Night

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.45p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Tlieta 18 ta' Frar 2014 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |